# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar il-Hamis 16 ta' Marzu 2017**

**Mandat Numru: 374/2017 JPG**

**E.W. Enterprises Ltd, Tigis Complex Ltd**
**u I.E. Ltd**

**VS**

**Sindku u Segretarju Esekuttiv, Kunsill Lokali San Giljan, Philippe Gatt f'ismhu u ezergenti l-kummerc bhala Massive Promotions**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' E.W. Enterprises Limited et, mahluf minn Natalino Falzon, li jaqra hekk:

*L-esponent ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat mill jesegwixxu, jimplementaw u jkomplu jippresistu b'decizjoni u hrug ta' permessi mill-intimati li permezz ta' tali decizjoni, l-intimat Philippe Gatt inghata l-fakolta esklussiva sabiex jorganizza c-celebrazzjonijiet ta' jum San Patrizju fil-lokalta' jew*

*partijiet minnha tal-Kunsill lokali ta' San Giljan li ser jsiru fis-17 ta' Marzu 2017 u liema decizjoni u permessi huma illegali stante li imorru kontra l-proceduri finanzjarji tal-Kunsilli Lokali, tat-tendering regulation li jirregolaw il-Kunsilli Lokali u kontra legislazzjoni susiddjarja 441.04 tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta u liema permessi u decizjoni et jippregudikaw gravament lill-esponenti fost ohrajn;*

*Illi jirrizulta mill-minuti tal-Kunsill Lokali intimat illi fil-laqa tat-26 ta' Settembru 2016 f'punt 4.11, jidher bic-car li kien l-intimat Philippe Gatt pro et nomine li avvicina lill-Kunsill intimat bi proposta li jorganizza c-celebrazzjonijiet u sahanitra l-Kunsill intimat talab kumpens minghand l-intimat Philippe Gatt pro et noe.*

*Illi dan l-agir hu illegali tant li d-Direttur tal-Gvern Lokali wissa' lill-Kunsill Intimat biex jirrevedi l-pozizzjoni tieghu billi kien qed jikser il-ligi. Illi minkejja dan u minkejja interpellanzi minghand l-esponent l-intimati baqghu ghaddejjin bl-agir illegali taghhom tant illi l-intimat Philippe Gatt qed jigbor operaturi ohra u jallokalhom l-ispazju minn fejn joperaw bil-barka tal-Kunsill intimat, u senjatament fiz-zona fejn joperaw l-esponenti bil-bars taghhom, bi pregudizzju serju ghall-operat taghhom.*

*Illi ghalhekk jehtieg li dan il-mandat ta' inibizzjoni ikun milqugh provizorjament billi l-intimati ghandhom ghaddejjin bl-illegalita taghhom sallum minkejja t-twessija tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.*

*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

***Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.***

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Marzu 2017 illi bih ordnat in-notifika lil kontroparti bi zmien ghar-risposta, laqghet it-talba provizorjament waqt li appuntat ir-rikors ghas-smieh.

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-Risposta tas-Sindku u Segretarju Esekuttiv Kunsill Lokali San Giljan et, datata 9 ta' Marzu (vide fol 7 et seq), li taqra hekk;

*Preliminarjament jinghad illi l-inibizzjoni intavolat mir-rikorrenti jiddifetta serjament legalment ghal ragunijiet li ser jigu amplifikati f'din ir-risposta izda fuq kollox illi ghandu jigi rigettat ghal dawn ir-ragunijiet. Pero' kif ser jintwera b'din ir-risposta dan il-mandat hu maghmul solament sabiex ir-rikorrenti jinghataw vantagg mhux gust u dritt esklussiv li jarmaw huma biss ad eskluzjoni ta' kulhadd fic-celebrazzjoni spontanei ghal jum San Patrizju, festa iccelebrata mad-dinja kollha. Ir-ragunijiet aktar ghad-detall huma s-segwenti:*

*Il-mandat ta' inibizzjoni intavolat mir-rikorrent huwa irritwali peress illi dan intalab sabiex jimpedixxi lill-esponent milli "jesegwixxi, jimplementaw u jkomplu jippersistu b' decizjoni u hrug ta' permessi ...", meta filfatt il-permessi ghal diversi persuni sabiex jarmaw stands skont il-ligi diga' nhargu. Gialadarba inhargu l-permessi ma hemm xejn x' jigi inibit. Inoltre ma hemm ebda esekuzzjoni, implementazzjoni jew persistenza li trid issir wara l-hrug tal-permess relattiv. Isegwi ghalhekk illi ingredjent essenzjali ad validitatem ghall-hrug tal-mandat huwa nieqes. Infatti kif sahqet il-Prim Awla Qorti Civili fil-kaz* ***APASSIONATA PARK MUNCHEN GmbH & Co KG Malta vs ST GEORGE EDITION LIMITED (C – 40902)*** *nhar it-2 ta' Marzu 2017, l-idea wara mandat ta' Inibizzjoni hi li twaqqaf ghemil partikolari billi tipprova zewg elementi fundamentali, liema rekwiziti mhumiex sodisfatti fil-kaz in ezami. Cioe il-Qorti sahqet:*

*"Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat.*

*Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li l-parti rikorrenti turi żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqilha tikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak.*

*1. L-ewwel ħaġa li trid turi hi* ***l-mandat huwa meħtieġ*** *biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnha.*

*2. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun* ***jidher li għandu****, mad-daqqa t'għajn (prima facie)* ***dawk il-jeddijiet****. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant.*

*Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall- ħruġ ta' mandat bħal dak."*

*3. Illi l-esponenti ma urewx x' interess guridiku ghandhom ghall-hrug ta' dan il-mandat u wisq anqas x' pregudizzju setghu sofrew bl-agir (gja kompletat) mill-Kunsill esponenti. Ir-rikorrenti jallega:*

*a. illi l-Kunsill ikkonceda b' mod "esklussiv" l-organizzazzjoni ta' San Patrizju lil certu Philippe Gatt u/jew Massive Promotions tant li dan beda jalloka xi stands;*
*b. Illi l-dawn il-permessi saru bi ksur tat-Tendering Regulations u tal-ligi tal-Permessi (SL 441.04).*

*Fl-ewwel lok MA HU MINNU XEJN illi nghataw xi drittijiet ta' organizzazzjoni esklussivi lil Philippe Gatt u/jew Massive Promotions. Fil-fatt ir-rikorrenti naqqsu milli jiddikjaraw illi it-tlett stabillimenti nghataw il-permessi ghal stalls quddiem l-istabilimenti taghhom kif talbu huma stess, tant li l-Kunsill alloka b'mod specifiku l-post tal-istalls kif inhu obligat li jaghmel.* ***Fi kliem iehor x' pregudizzju qed isofru r-rikorrenti meta huma nghataw il-permessi li huma talbu fl-intier taghhom?***

*Kif sottolineat mill-Prim Awla Qorti Civili nhar il-10 ta' Mejju 2016 fil-kawza* ***Rosette Thake vs L-Awtorita' tal-Ippjanar****, pregudizzju jammonta gjaladarba jkun hemm:*

> *"jedd, anke jekk prima facie,[li] jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib."*

*Barraminnhekk, il-Prim Awla Qorti Civili fil-kaz* ***APASSIONATA PARK MUNCHEN GmbH & Co KG Malta vs ST GEORGE EDITION LIMITED (C – 40902)*** *nhar it-2 ta' Marzu 2017 sahqet illi:*

*''Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli".*

*Fit-tieni lok MA HU MINNU XEJN li l-permessi hargu kontra l-ligi. Fl-ewwel lok l-esponent ma jistghux jifhmu r-riferenza ghar-regolament dwar it-Tendering. Kif jispjega r-rikorrent stess, certu Philippe Gatt f'ismu u/jew Massive Promotions, talab permess lil Kunsill f' Settembru 2016 sabiex jorganizza Special Event f'jum San Patrizju. Din ma kinetx okkazzjoni specjali maghmula jew organizzata mill-Kunsill izda proposta privata: daqs kemm huma inizijattivi privati, spettakoli ohra kbar li jsiru f'San Giljan u lokalijtajiet ohra, bhal kuncerti, meetings u avvenimenti ohra. Il-Kunsill approva tali avveniment specjali ai termini ta' l-artikolu 11 ta' L.S. 441.04 dwar Regolament Dwar Attivitajiet li Jehtiegu Permess mill-Kunsill Lokali. Ma hawn ebda kwistjoni ta' tendering fi proposta privata ghall-okkazzjonijiet specjali. Dan l-avveniment inoltre MA KIENX WIEHED ESKLUSSIV, tant li r-rikorrent stess, it-tlieta li huma, inghataw permess ghal stalls. Kien hemm ohrajn ukoll li nghataw permess ghal stalls. Il-permessi ta' stalls kollha nhargu a tenur tal-artikolu 10 ta' L.S. 441.04 surreferit.* ***Isegwi ghalhekk illi l-konkluzzjoni tar-rikorrenti (li del resto hija allegazzjoni vaga u generali minghajr ebda spjegazzjoni jew adirittura menzjoni ta' ksur ta' artikolu/i jew regolament/i specifici) HIJA KOMPLETAMENT ZBALJATA u jsegwi li r-rikkorrenti ma soffrew EBDA PREGUDIZZJU. Inoltre lanqas ma jista' jinghad illi l-istess rikorrenti ghandhom ebda interess fil-kaz in ezami.***

*4. Illi ghalhekk irrizulta ampjament illi r-rikorrenti la qed isofru pregudizzju bil-hrug ta' dawn il-permessi u wisq anqas ghandhom interess guridiku jissollevaw allegat mankanzi legali fil-hrug tal-permessi relattivi (del resto lanqas ma hemm mankanzi legali). Fuq kollox it-talbiet tar-rikorrenti jiddiffettaw f'element*

*essenzjali ghall-hrug tal-mandat, ossia l-fatt illi llum ma hemm xejn x' jigi inibit: il-Kunsill esponent ma hu qed jorganizza ebda attivita,' ma qabbad lil hadd jorganizza xi attivita' u l-agir tieghu kien limitat biss sabiex jaghti permess lir-rikorrenti sabiex jarmaw stands ghal San Patrizju flimkien ma' ohrajn kif ukoll li jikkoncedi permess ta' Occasional Entertainment ai termini tal-artikolu 11 ta' L.S. 441.04 fuq talba ta' Philippe Gatt u Massive Promotions li saret f' Settembru 2016 u approvata mill-Kunsill unanimament.*

*5. Ma HUX MINNU li l-Kunsill esponent "… talab kumpens minghand l-intimat Philippe Gatt pro et noe" u din l-allegazzjoni hija merament intenzjonata sabiex tostura l-operat tal-Kunsill, il-kunsilliera u l-ufficjali taghha. Skont il-minuti datati 21 ta'Ottubru 2016 inghad illi:*

*''St.Patrick's Day- il-Kunsill kien gie infurmat li kienet saret laqgha mas-Sur Philippe Gatt fir-rigward tat-talba tieghu sabiex jiehu hsieb l-organizzazzjoni ta' St.Patrick's Day. Wara diskussjoni qasira gie deciz li l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li tigi organizzata minnu izda ghandu jintalab l-ammont ta Eur 2,000 bhala kumpens ghall-ispejjez li jista' jkollu l-Kunsill u li jkun hemm ftehim dwar il-kundizzjonijiet imsemmija."*

*Bhala fatt il-Kunsill talab il-hlas ta' Eur 2,000 mill-applikant ta' Occasional Entertainment ossia Philippe Gatt u/jew Massive Promotions solament minhabba l-fatt illi wara li jispiccaw ic-celebrazzjonijiet ta' Jum San Patrizju l-Kunsill irid jassigura ruhu illi jitnaddfu l-partijiet pubblici kollha sal-Balluta (promenade), sal-ponta tal-Hotel Cavalieri, it-telgha lejn Paceville u zona residenzjali Ta' Garden u Ta' San Giljan l-Antik. Kull hmieg li jintefa' l-bahar irid jitnaddaf kif ukoll jissewwew kull hsarat li jistghu jkunu kawzati fl-istess postijiet (public signs, bus stops, bollards etc). Ma jistghax ikun illi dawn l-ispejjez dejjem jinkorrihom il-Kunsill u jhallas b'fondi pubblici wara okkazzjonijiet bhal dawn. Ghalhekk il-Kunsill impona dan il-hlas sabiex ikopri l-ispejjez li jinkorri;*

*6. Il-Kunsill esponent ma jistghax jifhem r-riferenza ghat-"twissija" li suppost inghatat mid-Direttorat tal-Kunsill Lokali. Ma kien hemm ebda "twissija" li ordnat*

*xi revizjoni ta' decizjoni meqjusa "illegali". Daqstant iehor il-Kunsill ma jafx li saret xi allokazzjoni minn Philippe Gatt. Il-Kunsill esponenti hareg permessi hu skont l-allokazzjoni li dehrlu l-Kunsill a bazi ta' l-applikazzjonijiet li saru lill-Kunsill direttament mill-applikanti (u mhux tramite terzi). Fost dawn l-applikazzjonijiet li ntlaqghu kien hemm dawk tar-rikorrenti stess, li minkejja li huma nghataw l-applikazzjoni li talbu, qed jilmentaw minn pregudizzju. Ir-rikorrenti fil-konfront ta' l-applikazzjoni taghhom jistghu jikkonfermaw illi huma nghataw permess mill-Kunsill (u mhux minn xi Philippe Gatt), li nghataw il-permess li talbu huma (u ghalhekk ma hemmx xi esklussivita' favur Philippe Gatt/Massive Promotions) u li l-permessi taghhom inghata lilhom skont il-ligi.*

*7. Il-Kunsill esponenti filwaqt illi jiehu spunt mill-konkluzjoni tar-rikorrenti li jiddikjaraw illi "... jenhtieg li dan il-mandat ta' inibizzjoni jkun milqugh provvizzorjament billi l-intimati ghadhom ghaddejjin bl-illegalita' taghhom sal-lum aktar minkejja twissija tad-Dipartimenti tal-Gvern Lokali" jirrispondi s-segwenti:*

*a. Illi t-talba finali ghall-hrug tal-mandat huwa fis-sens illi l-mandat ghandu jigi milqugh biss provizzjorjament u mhux definittivament. Isegwi ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti ma hix qed tintalab tordna l-hrug ta' mandat definittivament. Ghalhekk, minghajr pregudizzju ghall-mankanzi legali diga' irriskontrati, dan il-mandat ghandu jigi rigettat;*

*b. Illi r-ragunijiet li a bazi taghhom il-mandat ghandu jigi milqugh "provvizorjament" huma il-lanzjoniji inveritieri u allegazzjonijiet vagi privi minn kull fondatezza. Wiehed kien jistenna illi almenu l-lanjanzi mressqa mir-rikorrenti ikunu sostanzjati, u l-allegati nuqqasijiet legali puntwalizzati;*

*c. Illi l-Kunsill esponenti diga' kkonceda l-permessi relattivi inkluz dawk tar-rikorrenti u ma hemm ebda "persistenza" gjaladarba l-att amministrattiv sehh;*

*d. Ir-rikorrenti iqisu l-hrug tal-permessi (presubbilment anke taghhom) sar illegalment izda ma jispjegawx kif.*

8. ***Il-Kunsill esponenti ma jistax jifhem kif il-hrug ta' permess lil Philippe Gatt/Massive Promotions huwa "abbusiv" u "illegali" izda l-hrug tal-permess lir-rikorrenti huwa validu fil-ligi.*** *Lanqas ma jifhem kif Philippe Gatt/Massive Promotions inghataw "esklussivita" meta terzi u r-rikorrenti stess ghandhom permess validu ghall-istess jum fl-istess post! Lanqas mal-Kunsill esponenti ma jista' jifhem kif il-permess ta' Philippe Gatt/Massive Promotions huwa pregudizzjali izda dak tar-rikorrenti ma huwiex. Ma hemm ebda raguni moghtija mir-rikorrenti sabiex jiggustifika dawn il-premessi tar-rikorrenti u wisq anqas ma jispjegaw l-allegat pregudizzju li allegatament qed isofru.*

*9. B' rabta mal-paragrafu precedenti l-uniku pregudizzju soffert mir-rikorrent donnu li huwa l-ghotja ta' permess lil terz ghalihom, ossia dawk il-permessi moghtija lil Philippe Gatt/Massive Promotions u ohrajn. Jekk wiehed ghalhekk isegwi l-argument tar-rikorrenti, il-konkluzjoni logika hija li l-fatt biss illi l-Kunsill ikkonceda permess lil terzi ghall-istess jum flimkien ma' dak tar-rikorrenti huwa ta' pregudizzju. Ma jistghux allura terzi japplikaw ghal permess fl-istess jum mar-rikorrenti? Huma r-rikorrenti biss li ghandhom dritt japplikaw ghal stand f' jum San Patrizju ad eskluzzjoni ta' kulhadd, tant li jekk japplikaw ohrajn, ir-rikorrenti jikkontendu li soffrew pregudizzju u danni?*

*10.* ***Jirrizulta ghalhekk illi l-iskop ahhari ta' dan il-mandat huwa li jzomm lill-Kunsill milli jikkoncedi permessi lil haddiehor jekk mhux lir-rikorrenti BISS. Minn imkien ma jirrizulta illi r-rikorrenti ghandhom huma xi dritt esklussiv li jarmaw huma biss ad eskluzjoni ta' terzi inkluz Philippe Gatt/Massive Promotions imsemmi mir-rikorrenti u ohrajn li applikaw!***

*11. Ghalhekk ghar-raguni :*

*a. li illum ma hemm ebda agir x' jigi inibit;*

*b. illi r-rikorrent ma qed isofri ebda pregudizzju partikolari ghajr kompetizzjoni legittima;*

*c. illi r-rikorrent ma ghandu ebda interess guridiku jissolleva difetti legali;*

*d. illi del resto r-rikorrent ma identifika ebda nuqqas legali jew fattwali izda qajjem biss allegazzjonijiet vagi privi minn kull fondatezza;*

*e. illi ir-rikorrent naqas milli jistabilixxi dritt naxxenti mil-ligi li ghandu jigi imhares; u*

*f. ir-rikorrent donnu talab biss il-hrug ta' mandat provizzorjament*

***dan il-mandat ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.***

Rat ir-risposta tal-intimat Philippe Gatt 362074(M) f'ismu u ezercenti l-kummerc bhala Massive Promotions, datata 10 ta' Marzu 2017 (vide fol 12), li taqra hekk;

1. *Illi permezz ta' digriet datat 7 ta' Marzu 2017 din l-Onorabbli Qorti ghogobha tilqa t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni riferit b'mod provizorju b'dan li akkordat lill-intimati l-fakolta li jipprezentaw risposta fi zmien hamest ijiem mid-data tan-notifika;*

2. *Illi permezz tal-prezenti l-intimat Gatt, li gie notifikat dakinhar stess, qieghed javvali ruhu minn din il-fakolta billi jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:*

3. *Illi fl-ewwel lok, in vena legali, il-mandat ta' inibizzjoni kif intavolat ma jistghax jintlaqa' stante li l-permessi kollha necessarja sabiex issir l-attivita gia nhargu, a tenur tal-ligijiet kollha pertinenti u ghalhekk ir-rimedju odjern, li huwa intiz purament sabiex xi hadd jigi mwaqqaf milli jaghmel xi haga, huwa ghalhekk palesement mhux idoneju stante li kull ma huwa qed isir huwa tentattiv sabiex jitregga lura dak li gia sar, u sar f'mod legittimu u skont il-ligi mill-intimati u effettivament l-istess Philippe Gatt ghadu ma jafx ezattament x'inhu qieghed jigi inibit milli jaghmel;*

4. *Illi fil-mertu ghandu qabel xejn jinghata sfond fattwali komplett billi r-rikorrenti kienu, fl-ahjar ipotezi, ferm selettivi u svijanti fl-espozizzjoni taghhom tal-fatti;*

5. *Illi l-ewwel net ghandu jigi rilevat li qabel din is-sena ma kienitx tezisti l-ebda attivita ufficjali ta' San Patrizju izda n-nies kienu semplicement jingabru, bla kontroll jew organizzazzjoni, fix-xatt ta' San Giljan u l-istabbilimenti fl-akkwati kienu jarmaw "stalls" u jdoqqu muzika b'volum gholi minghajr ebda forma ta' permess jew kontroll u barra minn hekk minghajr ebda konnessjoni mall-festi ta' San Patrizju;*

6. *Illi kif jirrizulta mill-estratt ta' gurnal hawn anness bhala Dok. A dan kollu kellu effett hazin ferm ghall-lokalita in kwistjoni u ghar-residenti minhabba storbju esagerat, traffiku, problemi ta' access ghad-djar u hmieg;*

7. *Illi fid-dawl ta' dan ir-rikorrent Gatt, talab lill-Kunsill intimat, f'mod ghal kollox miftuh u formali, waqt laqgha ufficjali li saret f'Settembru 2016, sabiex jorganizza, ghall-ewwel darba f'mod ufficjali f'Malta, "special event" fil-jum ta' San Patrizju, appuntu fl-17 ta' Marzu 2017;*

8. *Illi din it-talba* ***intlaqghet unanimament mill-Kunsill****, wara li saru d-debiti spjegazzjonijiet u wara li gew debitament osservati r-rekwiziti legali kollha, b'dan li l-kunsill talab li l-intimat gatt ihallas kumpens ta' elfejn euro (2,000euro), sabiex jigu koperti spejjez li talvolta jista' jkunu mehtiega mill-kunsill, sabiex dawn ma jkollhomx jergaw jithallsu mill-kunsill minn fondi pubblici;*

9. *Illi r-rikorrent offra li jorganizza kollox fuq sfond aktar tradizzjonali, sa fejn possibli, wara li s-sena l-ohra attenda l-istess celebrazzjonijiet f'Dublinu u xtaq li johloq l-istess atmosfera hawn Malta, minflok ir-rassa enormi, simili ghal kollox ghal rave party milli ghall-festa tradizzjonali, li kienet saret is-sena ta' qabel ghad-detriment ta' kullhadd, minbarra ovvjament tar-rikorrenti li ghamlu qliegh minnha, ma hallsu xejn sabiex titnaddaf il-lokalita` u jridu jissoktaw bl-istess procedura;*

10. *Illi biex jaghmel dan l-intimat organizza laqghat, a spejjez tieghu, mall-pulizija u mat-Transport Malta, sabiex ikun hemm access sikur ghal kullhadd u kemm jista jkun ir-residenti ma jigux affettwati mill-attivita, laqghat Malta Public Transport sabiex ikun hemm aktar vjaggi tal-karozzi tal-linja sabiex jigu anqas vetturi u sabiex nqa nies isuqu fis-sakra. Ir-rikorrent ukoll ser jipprovdi mobile toilets sabiex jigu evitati sitwazzjonijiet inkrexxuzi bhal dawk li sehhew fis-snin ta' qabel;*

11. *Illi r-rikorrent, minbarra li ser igib grupp mill-Irlanda sabiex tindaq muzika tradizzjonali Irlandiza, liema grupp huwa gia mhallas, inkluz spejjez ta' vjaggjar u akkomodazzjoni, hallas ukoll assikurazzjoni ghall-attivita kollha u ser jipprovdi ambulanza, 20 persuna ghas-sigurta u 5 pulizija, kollox a spejjez tieghu;*

12. *Illi dan kollu ilu jigi reklamat diversi xhur u kien ben a konoxxenza ta' kullhadd, izda issa, granet biss qabel l-attivita proprja, u biss b'intenzjoni li joholqu problema lill-organizzaturi u joholqu monopolju ir-rikorrenti ghogobhom iqajjmu rasom u u*

*jipprezentaw dawn il-proceduri li setghu facilment, kieku kien hemm imqar ftit intenzjoni tajba tar-rikorrenti, saru ferma qabel u mhux ftit granet biss qabel l-attivita sabiex kemm jista jkun joholqu problem u disgwid;*

13. *Illi f'dan il-kuntest, ghal dak li jirrigwarda r-rikors promotur, ghandu ghalhekk jigi rilevat li l-argumenti tar-rikorrenti huma tassew svijanti u huma tassew temerarji r-rikorrenti li jaslu jghidu certu affarijiet, b'certa impunita` u sahansitra bil-gurament, sabiex jottjenu monopolju fuq il-lokalita in kwistjoni u dan minghajr ma joffru li jorganizzaw xejn, b'dan li bl-agir taghhom ix-xoghol kollu siwi li sar mat-Transport Malt u mall-awtoritajiet l-ohra hawn aktar 'l fuq imsemmija kellhom jigu sospizi minhabba l-ordni provizorju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

14. *Illi ibda biex mhuwiex minnu dak li jghidu r-rikorrenti li l-intimat Gatt inghata xi fakulta esklussiva fuq l-ativita, billi huwa maghruf ma kullhadd li kull min applika, inkluzi allura r-rikorrenti, inghata permess jaghmlu "stall" fil-vicinanzi tal-istabilmenti taghhom u nghataw l-istess permessi kif inghataw dawk kollha li talbu permess-minghajr ovvjament ma offrew li jghinu fl-organizzazzjoni ta' xejn;*

15. *Illi huma tassew temerarji r-rikorrenti anki meta jippruvaw jargumetaw, f'mod ghal kollox nebolus tenut kont tan-natura straordinarja tar-rimedju odjern, li hemm xi ksur ta' ligi minghajr ma jispecifikaw liema artikolu qieghed jigi miskur u kif.*

16. *Illi ovvjament dan ma setghax isir stante li ma hemm ebda ksur ta' ligi u ghalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx triq ohra ghajr li f'mod generiku jsemmu dawk il-ligijiet li possibilment ghandhom xi konnessjoni mall-akkadut u b'hekk jippruvaw jisvijaw lill-partijiet permezz ta' referenza ghall-ligijiet applikabbli minghajr ebda referenza specifika ghad-dispozizzjonijiet in kwistjoni;*

17. *Illi jkun ukoll utli li r-rikorrenti jispjegaw, la darba huma nghataw permess, x'inhu l-pregudizzju li ser jigi lilhom rekatt jekk huma inghataw permess u l-attivita ser tigi organizzata f'mod aktar efficjenti, b'dan li kif gara fil-passat l-ispejjez xoerta ser ihallas ghalihom haddiehor? Ir-rikorrenti xi jridu, monopolju fuq il-lokalita in kwistjoni? Ghalhekk hallew kollox ghall-ahhar ftit granet qabel l-attivita in kwistjoni, meta l-permessi ilhom zmien li hargu u l-intimati ilhom jirreklamaw l-avveniment, sabiex jirrekaw kemm jistghu hsara lill-avveniment?*

18. *Illi barra minn hekk l-esponent jissottmetti umilment li l-attvita tieghu m'ghandha xejn differenti minn attivitajiet ohrajn li jsiru f'diversi nhawi f'Malta, bhal ma hija n-notte Bianca, celebrazzjonijiet ta' lejliet l-ewwel jum tas-sena, karnival, Isle of MTV u diversi ohrajn li jsiru f'diversi positijiet u sincerament ma jistghax jifhem ghalfejn qieghed jigi attakkat f'dan il-mod meta hu dejjem kellu intenzjoni posittiva lejn l-avveniment u ghall-lokalita, b'dan li bid-dovut rispett konferma tal-mandat odjern tkun essenzjalment ffisser biss li l-attivitajiet in kwistjoni jibqaw isiru f'mod ghall-ahhar disorganizzat u minghajr ebda rispett ghall-interessi ta' hadd;*

*Ghaldaqstant l-esponent, in vista tas-suespost, jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti ghogobha tichad il-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;*

*B'riserva shiha tad-drittijiet kollha tar-rikorrenti inkluz ghall-azzjoni ghad-danni minhabba kkawzati mill-azzjonijiet tar-rikorrenti;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsdirat:**

Mill-provi prodotti mir-rikorrenti operaturi ta' tlett ihwienet fi Spinola Bay - cioe' Saddles, Ryan's u Tigulio, jirrizulta illi f'Settembu 2016, is-Sindku ta' San Giljan gharraf lill-Kunsill illi kien giet avvicinat minn Philippe Gatt li xtaq jorganizza il-festa ta' St.Patricks[1].

Il-Kunsill, wara diskussjoni qasira, unanimament qabel mal-proposta ta' Philippe Gatt/Massive Promotions pero kellha tissejjah laqgha ohra fejn jigu miftehma il-kundizzjonijiet li kien ser jinponi il-Kunsill **"fosthom li jintalab kumpens finanzjarju".[2]**

[1] Vide minuti tal-laqgha tal-Kunsill Lokali San Giljan Ref 6041 para 4.11 ta' Dok G1 u xhieda tas-sindku
[2] Vide minuti Ibid

Fis-27 ta' Ottubru 2016, skond il-minuti tal-laqgha tal-Kunsill[3], jirrizulta illi l-Kunsill gie nformat li saret laqgha ma Philippe Gatt regward it-talba tieghu biex jiehu hsieb tal-organizzazzjoni ta' St. Patrick's Day, u wara diskussjoni qasira gie deciz li l-Kunsill ma kellu ebda oggezzjoni ghat-talba ta' Gatt **"izda ghandu jintalab l-ammont ta' €2,000 bhala kumpens ghall-ispejjez li jista jkollu il-Kunsill u jkun hemm ftehim dwar il-kondizzjonijiet imsemmija".**

Mill-minuti ta' laqgha tal-Kunsill datat 2 ta' Jannar 2017[4] jirrizulta illi Philippe Gatt **kien talab lill-Kunsill ghal kuntratt**; u wara diskussjoni qasira, "**gie deciz li l-Kunsill ser jara kif ser jmorru l-affarijiet din is-sena, jekk naraw li kollox jmur tajjeb ikun jista jsir kuntratt triannali**."[5] F'Dok G3 minuti tal-laqgha tal-Kunsill datat 3 ta' Frar 2017, sar accenn ghal ittra mis-stabbiliment Tiguglio, gie ccarat li l-premessi tal-Bars ser jinhargu u **"ghalhekk il-flus li qed jintalbu minghand Massive Promotions mhux qed jinkludu il-permessi izda ghat-tindif ecc, fil-waqt li l-Kunsill ma kienx jaf l-ammont li ntalab minghand l-istabbilimenti. Il-Kunsill gie informat li ser ssir laqgha urgent ma Massive Promotions fil-gimghat li gejjin."**[6]

Fix-xhieda tieghu, s-Sindku Gwido Dalli, kkonferma li kien rcieva talba minghand Gatt ta' Massive Promotions biex jorganizza St. Patrick's Day u l-Kunsill kien qabel ma din t-talba ghal diversi ragunijiet fosthom li kien mahsub li ser jkun hemm anqas ilmenti minhabba t-tip ta' musika - *Irish Music* - li kienet ser tindaqq, u li l-ispejjez ghax-xoghol ta' tindif kien ser jaghmel tajjeb ghalilhom Gatt, ghaliex kien ser jhallas €2000. Di piu' Gatt kien ser jorganizza diversi *mobile toilets,* ghoxrin (20) *Security Officers,* hames pulizija, u ambulanza. Gatt kien organizza li tingab minn barra Banda Irlandiza u li ghalhekk il-musika kien ser tkun aktar attraenti ghaliex ma kienx ser jkun hemm *Rave Music.*

Di piu' r-rikorrenti kienu talbu u inghatghu permessi ghal *stalls* jew estensjoni tal-*Pubs* taghhom u dan gie akkordat.

---

[3] Vide minuti tal-laqgha tal-Kunsill Lokali San Giljan Dok G para 3.10
[4] Vide Dok G2 para 25.2.06
[5] Ibid.
[6] Vide Dok G3 minuti Kunsill para 26.2.07

Is-Sindku sostna illi din kienet idea ta' Gatt, li il-Kunsill kien approvaha unanimament, u ma kienx hemm sejha ghal offerti jew *expression of interest* ghal pubbliku qabel ma giet milqugha t-talba ta' Gatt/Massive Promotions.

Fix-xhieda ta' Adrian Mifsud, **Direttur tad-Departiment ghal Gvern Lokali,** ezebixxa Dok D1 sa D6 skambju ta' E Mails bejn ufficjali tad-Departiment ta' Gvern Lokali u l-ufficjali tal-Kunsill ta' San Giljan, kif ukoll Dok D7, skambju ta' E Mails bejn Supretendent Raymond D.Anastazi, il-Kunsill u d-Departiment ghal Gvern Lokali.

Fl-iskambju ta' dawn l-E Mails, b'mod specjali ghall-iskambju ta' E Mails kontenuti f'Dok D7, jirrizulta il-"permessi" mahruga mill-Kunsill Lokali ta' San Giljan, hargu bi ksur tar-regolamenti 10 u 11 tal-Ligi Sussidjarja 441.04; bi ksur ta' Art. 9 (5) ghaliex il-kondizzjonijiet tal-Pulizija kellhom ikunu marbuta mal-permess u mhux hargu **in segwitu tieghu**; li l-permessi ma kienux transferibbli[7], u li kien **jehtieg qabel** il-hrug ta' permess ghall-palk (stage), diversi certifikati, inkluz certifikat tal-Perit, ta' *Electrical Engineer,* permessi tas-Sanita' ghall-stalls tal-ikel, u avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern dwar it-toroq mahsuba li kienu ser jinghalqu.

Philippe Gatt ta' Massive Promotions xhed illi hu xtaq li jorganizza St. Patrick's Day wara li kien mar l-Irlanda u raha l-attivita' hemm. Ghalhekk kien kellem lill-membri tal-Kunsill Lokali li approvaw it-talba tieghu. Hu xhed illi kien organizza *live Band* estera sabiex tindaqq musika Irlandiza - kien sahansitra offra lill-Pubs li l-istess musika tigi konessa mal-istabiliment taghhom sabiex tindaqq l-istess musika kullimkien – liema offera giet rifjutata. Xhed li kien ser jkollhu tinda ghal VIPs. Wara li cahad li kien ser johrog biljetti bil-hlas ghal VIPs, xhed illi t-*tickets* kienu ser jinghataw bla hlas lil *sponsers* ghall-*banners* u festoons ghall-promozzjoni taghhom. Ghalhemm kien riluttanti li jghid li jser jservi xorb alkoholiku, **Gatt afferma li kienu ser jitwaqqfu diversi Bars fl-apert.** Ikkonferma **li kellhu diversi**

[7] Kif jidher illi huwa l-permess ta' Malchior Vassallo ghan-nom ta' Massive Promotions -vide E Mail datat 3/3/17 mibghuta mill-Kunsill lill-Inspettur Mercieca.

**applikazzjonijiet - cioe' ta sitta mir-ruh ghal stalls ta' ikel - vide Dok DX1 sa DX6 li taghhom *ma sar ebda hlas* fuq il-permessi lill-Kunsill.**

Huwa sostna li kien organizza li jkun hemm madwar hamsu u ghoxrin (25) *mobile toilets,* ghoxrin (20) Security, hamsa (5) pulizija, ambulanza apparti li kien dahal f'*Insurance Policy (vide DOk* PG2). Jirrilzulta illi l-permessi ta' Philippe Gatt hargu **minghajr ebda hlas** - Vide PG1, PG3, PG5.

Mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta illi l-Pubs **Saddles, Ryans u Tigulio** kienu rawmu, fuq medda ta' snin, il-festa ta' St. Patrick's Day; illi maz-zmien din il-festa kienet tattira follol kbar ta' nies. Ta' kull sena, dawn il-pubs kienu jinghataw *extension* tal-pubs taghhom permezz ta' stalls fl-apert li kienu koperti bil-permessi skond il-ligi. Illi din is-sena, minkejja li kienu applikaw kmieni, il-permess ghall-dawn l-istalls/extension tal-pub kien damm zmien konsiderevoli biex hareg, u meta hareg Denise Spiteri, rapprezentant ta' Ryan's Pub intebhet li l-istall/extension moghtija lilha ma kienitx dik li ssoltu tinghata il-ghaliex kien intiz li t-tinda kbira ta' Massive Promotions kienet ser titqieghed fid-dahla tat-Tigulio fejn issoltu kienet tarma l-estensjoni taghha. Ghalhekk wara diversi protesti minn naha taghha, finalment giet akkordata l-estensjoni li dejjem kienet kisbet tul is-snien.

Hija sostniet illi nghatat ukoll permessi ghal musika **li kienu ferm aktar limitati minn dak li ssoltu tinghata,** minhabba il-musika li riedet topera Massive Promotions. Hija sostniet li ma kien veru xejn illi din il-musika kienet ser tkun Irish Music – tip ta *folk music* - il-ghaliex Massive Promotions **kien qed jirrikklama li kellu erbgha DJs ta' Bay Radio kontrattati mieghu**.[8] Gie sostnut in oltre illi Philippe Gatt kien mar jitlob erbgha mitt ewro (€400) minn kull pub rikorrenti bhala kontribuzzjoni taghhom ghat-tindif.

Keneth Vella rapprezentant ta' Tigulio tenna l-istess ilmenti cioe restrizzjonijiet tal-musika mis-stabbiliment tieghu minhabba d-daqq ta'

[8] Vide kudizzjonijiet tal-Permessi Dok PG 1 li jinkludi 4 DJs, cioe Lungaro Mifsud, Pierre Cordina, Daniel Testa u Ylenia Spiteri.

musika li riedet idoqq Massive Promotions. Fi kliemu "**le ma ndoqqux musika anzi jdoqqu hu biss meta n-nies jigu ghall-events li nikkrejaw ahna**".[9]

Ir-Rikorrenti pprotestaw, illi l-agir tal-Kunsill, kien ser jipperikola l-ghexin taghhom mill-hwienet; li l-attivita ta' organizzar ta' St. Patrick's Day kienet inghatat minghajr sejha ghal offerti bil-miftuh jew espressjoni ta' interess, u li l-attivita' ma kienitx limitata ghal organizzazzjoni ta' St' Patrick's Day izda ghal bejh ta' xorb alkoholiku li l-istess Gatt kien jimporta. Dan ix-xorb kien ser jinbiegh lil klienti li l-hwienet rikorrenti kienu rawmu, liema attivita' saret bi ksur ta' diversi regolamenti tal-ligi.

Lanqas ma kien veritir li din l-attivita' saret sabiex Massive Promotions torganizza t-tindif in segwitu' tal-festa, u dana il-ghaliex **kull stabbilitment tax-xorb fl-akkwati kien gia hallas aktar minn €120 ghall-permess** liema ammont kien intiz biex jkopri l-ispejjes tal-hidma tat-tindif wara l-festa.

L-intimati fit-trattazzjoni taghhom sostnew illi gia la darba il-permessi inhargu ma hemm xejn li din il-Qorti tista tirribixxi; li r-rikorrenti ghalhekk m'ghandhomx interess guridiku li r-rikorrenti talbu biss li din il-Qorti tilqa t-talba provisorjament haga li mhix sostenibbli skond il-ligi; illi din l-azzjoni qed issir il-ghaliex ir-rikorrenti ma jridux kompetizzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

[9] Vide xhieda tal-14 ta' Marzu 2017

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat kontra il-Gvern, m'ghadux pregudizzju "li ma jkun jista' jigi irrimedjat", izda bizzejjed li jintwera li dan il-pregudizzju ikun wiehed sproporzjonat.

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.**

(Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. – vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.
Illi di piu meta si tratta ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra il-Gvern jew Awtorita' imwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna f'kariga ufficjali, l-Qorti trid tikkonsidera **t-tielet element** jew rekwizit li jinqasam f'zewg aspetti u cioe':

a . **Konferma, waqt is-smiegh, li l-azzjoni lamentata fil-fatt hi mahsuba li ssir;**
b. **Il-proporzjonalita tal-pregudizzju kagunat**:

> ***"Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-Qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."*** (Vide Art. 873 (3) tal-Kap. 12)

**Ikkonsidrat:**

Is-Sindku Dalli prova jipperswadi lil din il-Qorti illi l-organizzar tal-festa ta' St. Patrick's gie moghti mill-Kunsill f'idejn Massive Promotions (MP), il-ghaliex MP kienet ser tiehu hsieb xogholijiet u l-ispiza tat-tindif wara l-festa u il-ghaliex kien ser jkun hemm Musika attraenti - Musika Irlandiza - li kienet ser tkun anqas disturbanti ghall-pubbliku mill-Musika Rave li tindaqq fil-Pubs.

Dawn r-ragunijiet mhumiex sorretti mill-provi.

L-ghoti tal-organizzazzjoni tal-festa ta' St. Patricks' kienet ftiehim bejn il-Kunsill u Gatt liema ftehim ghandu valur intrinsiku sostanzjali, meta wiehed

jikkonsidra l-ispiza involuta fil-kiri ta' hamsa u ghoxrin (25) mobile toilets, fil-hlas tal-pagi ta' ghoxrin (20) security officers, u hames (5) membri tal-pulizija, fis-spejjes involuti fit-twaqqif tal-palk u c-certifikazzjoni tieghu minn Perit, fil-kiri ta' apparat eletroniku u *light fixtures* li jinnecessitaw certifikat ta' Eletrical engineer, stalls tal-ikel, tined tal-VIP's u ambulanza etc. Il-valur jikber kwantitivament meta wiehed jikkonsidra d-dhul generat minn din il-festa. Lanqas ma kien mahsub illi l-organizzar ta' din il-festa **kienet ser tkun okkazzjoni unika**, ghaliex fil-fatt, kif jirrizulta mill-minuti tal-laqghat tal-Kunsill, Gatt kien talab **ghall-kuntratt ta' tlett snien liema kuntratt, l-Kunsill kien qed jikkonsidra pero xtaq illi jezamina l-prova li kienet ser tipprovdi din is-sena**.

Din "l-attivita'" ma kienitx ser tinzamm fuq fil-fossos tal-Furjana jew fl-istadium f' ta' Qali fejn issoltu jsiru attivitajiet simili bhal dawk ta' MTV etc. jew attivitajiet simili li jattiraw il-folol minhabba l-isem tan-nies famuzi li ser jiehdu semm fihom.

Din l-attivita' kienet ser issir fil-qalba ta' Spinola. Dan ma jidhirx li sar b'kumbinazzjoni.

L-attivita' proposta minn Gatt kienet ippjanata li ssir proprju fl-ispazju bejn it-tlett pubs rikorrenti, fejn allura hemm ***a captive audience*** – cioe' il-klientela tat-tlett pubs rikorrenti, klientela mwrawma minnhom bl-gharaq ta' xbienhom fuq medda ta' snin.

Gatt, sa fejn juru l-provi voluminuzi f'din il-procedura, m'ghandux hanut tax-xorb, jew pub fl-akkwati ta' Spinola, pero' hu negozjant, fost affarijiet ohra ta' xorb alkoholiku. Kieku Gatt kellu pub u kien ser jorganizza xi banda fl-istess pub tieghu, din l-attivita' kienet tikkostitwixxi kompetizzjoni gusta bejn il-pubs tal-akkwati.

Il-kaz odjern pero huwa ferm divers. Mifhum dana kollu, bl-import ta' valur intrinsiku tal-ftehim bejn Gatt u l-Kunsill kif fuq spjegat, l-organizzar tal-Festa ta' St. Patrick's, kellha ssir almenu permezz ta *expression of interest,* fi

process miftuh u trasparenti, fejn isiru offerti ghal kull min seta kien interessat li jorganizza din il-festa, fejn ukoll jigu osservati r-regolamenti u d-dettami kollha tal-Ligi u mhux tinghata sempliciment "*on a first come first served*"[10] *basis.*

Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi prima face r-rikorrenti pprovaw il-jedd taghhom – cioe l-jedd ghall-mezz tal-ghejxin taghhom u mhux sempliciment xi telf insinjifikanti ta' profitt. Tqis ukoll illi r-rikorrenti pprovaw illi l-mandat huwa mehtieg biex jissalvagwardaw dan il-jedd taghhom.

Inoltre ai termini tal-Art. 873(3) Kap.12 fuq citat, il-Qorti semghet fil-kors tal-provi mix-xhieda tal-intimat Sindku Kunsill Lokali San Giljan, illi l-organizzar tal-festa ta' Saint Patrick, bhala stat ta' fatt kien mahsub li jsehh.

Ghal regward tal-proporzjonalita' ta' pregudizzju kagunat, il-Qorti hi tal-fehma illi l-pregudizzju li ser jsofru r-rikorrenti bil-"hijack" tal-klientela taghhom, u dak illi li ser jitilfu fil-mezz tal-ghexin taghhom, huwa ferma aktar onoruz minn dak tal-intimati li skonthom, ghamlu dan, sempliciment sabiex jdahhlu €2000 fi fondi, ghat-tindif in segwitu tal-festa u biex jkun hemm musika piacevoli ghall-pubbliku.

**Apparti l-fatt illi ebda €2000 ma gie fil-fatt mhallsa minn Gatt** ghaliex kull permess tieghu jew ta' tal-persuni ghan-nom tieghu **hargu bla hlas,** kull wiehed mir-rikorrenti hallas il-fuq minn €120 versu dan it-tindif tat-toroq ta' San Giljan wara l-festa[11]. Di piu', minkejja dak li ntqal dwar il-musika piacevoli - Musika Irlandiza - il-Qorti, wara ezami tal-provi, tifhem illi mhux

[10] Vide E Mail mibghuta mill-Kunsill lil Assistant Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali
[11] Vide il-permessi bil-hlas indikat fuqhom kif jirrizultaw mill-permessi tar-rikorrenti ezebiti Dok LB1 sa LB4

verosimili li Massive Promotions tingagga 4 DJs minn Bay Radio biex jdoqqu il-Folk Music[12].

L-intimati sostnew illi gia la darba l-permessi relattivi ta' Massive Promotions inhargu, din il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni tinibixxi lill-intimati.

Il-Qorti ma tikkondividiex ma dan l-argument in vista ta' nuqqassijiet numeruzi u gravi li bihom hargu l-istess permessi li jxejjnu s-siwi u l-validita' tal-istess permessi.

Il-Qorti tqis ukoll illi kull aspett u fergha tal-Gvern ghandu jkun x-xempju ghac-cittadin, fejn jidhol l-osservanza tad-dritt f'pajjizna. Ghalhekk kull nuqqas, jhalli warajh toghma hazina, suspetti, rizentiment, u sens ta' nuqqas ta' xerqien li ma jaghmel gid ghal hadd u dan anke meta si tratta ta' semplici zball genwin.

Mifhum dana kollu, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti, almenu fuq bazi ta' prima face, ipprovaw li ghandhom l-interess guridiku rekwizit biex intavolaw din il-procedura.

Illi inoltre din il-Qorti tqis illi t-talba tas-socjetajiet rikorrenti kienet ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni **b'mod definittiv**; waqt li t-talba ta' ilqugh taghha provizorjament m'hi xejn hlief talba sabiex din il-Qorti ssegwi l-proceduri normali taghha: cioe' fejn it-talba ghal Mandat de quo jinhareg b'mod provizjorju immediatament, tigi mixtarra l-kwistjoni, sakemm il-Qorti tasal ghad-decizjoni finali taghha.

[12] Vide Dok PG1 paragrafu 6

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tgharaf illi jissussistu r-rekwiziti ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa definittivament it-talba tar-rikorrenti, ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Il-Qorti tornda notifika mmedjata ta dan d-digriet finali lill-Kumissarju tal-Pulizija.

**Moghti kamelarment illum 16 ta' Marzu 2017**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**